



Brussell, 13 ta' Marzu 2025
(OR. en)

7083/25

Fajl Interistituzzjonal:
2025/0054(NLE)

FISC 68
ECOFIN 286

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġeneral tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	13 ta' Marzu 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġeneral tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2025) 104 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li tawtorizza lir-Repubblika Slovakka tintroduċi miżura speċjal ta' deroga mill-punt (a) tal-Artikolu 26(1) u l-Artikoli 168 u 168a tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2025) 104 final.

Mehmuż: COM(2025) 104 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 13.3.2025
COM(2025) 104 final

2025/0054 (NLE)

Proposta għal

DEĊIJONI TA' IMPLEMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

**li tawtorizza lir-Repubblika Slovaka tintroduċi miżura speċjali ta' deroga mill-punt (a)
tal-Artikolu 26(1) u l-Artikoli 168 u 168a tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema
komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Skont l-Artikolu 395(1) tad-Direttiva 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud¹ ("id-Direttiva tal-VAT"), il-Kunsill, filwaqt li jaġixxi b'mod unanimu fuq proposta tal-Kummissjoni, jista' jawtorizza lil kwalunkwe Stat Membru japplika miżuri speċjali għal deroga mid-dispożizzjonijiet ta' dik id-Direttiva sabiex jiġi simplifika l-proċedura tal-ġbir tat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT, Value Added Tax) jew biex jipprevjeni ċerti forom ta' evażjoni jew ta' evitar tat-taxxa.

Permezz ta' ittra rreġistrata mal-Kummissjoni fil-5 ta' Novembru 2024, is-Slovakkja talbet awtorizzazzjoni biex tidderoga mill-Artikolu 26(1), il-punt (a), l-Artikolu 168 u l-Artikolu 168a tad-Direttiva tal-VAT sabiex tirrestrinġi d-dritt li titnaqqas il-VAT tal-input fuq ix-xiri, il-lokazzjoni, l-akkwist intra-Komunitarju u l-importazzjoni ta' vetturi bil-mutur tal-kategorija M1, ta' muturi tal-kategorija L1e u ta' muturi tal-kategorija L3e², kif ukoll għall-provvista ta' servizzi rilevanti, spare parts, aċċessorji u fjuwil meta jintużaw simultajament għal skopijiet kummerċjali u skopijiet oħra. Mat-talba s-Slovakkja pprovdiet analiżi li tiġġustifika l-perċentwal tat-tnaqqis applikabbi, li huwa stabbilit għal ħamsin fil-mija.

F'konformità mal-Artikolu 395(2) tad-Direttiva tal-VAT u permezz ta' ittra bid-data tad-29 ta' Novembru 2024, il-Kummissjoni għarrfet lill-Istati Membri l-oħra bit-talba li saret mis-Slovakkja. Permezz ta' ittra bid-data tat-2 ta' Diċembru 2024, il-Kummissjoni nnotifikat lis-Slovakkja li hi kellha l-informazzjoni kollha li kkunsidrat meħtieġa għall-valutazzjoni tat-talba.

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

L-Artikolu 168 tad-Direttiva tal-VAT jipprevedi li persuna taxxabbli hija intitolata li tnaqqas il-VAT imposta fuq ix-xiri li jsir għall-fini ta' tranżazzjonijiet intaxxati. L-Artikolu 168a(1) tad-Direttiva tal-VAT jipprevedi li l-VAT fuq in-nefqa relatata ma' proprjetà immoblli li tifforma parti mill-assi kummerċjali ta' persuna taxxabbli u li tintużza kemm għal skopijiet kummerċjali kif ukoll għal dawk mhux kummerċjali, għandha tkun deduċibbli biss sal-proporzjon tal-użu tal-proprjetà għal skopijiet kummerċjali tal-persuna taxxabbli. Skont l-Artikolu 168a(2) tad-Direttiva tal-VAT, l-Istati Membri jistgħu japplikaw din ir-regola wkoll b'rabta man-nefqa relatata ma' merkanzija oħra li tifforma parti mill-assi kummerċjali, skont dak li jispeċifikaw. L-Artikolu 26(1)(a) tal-istess Direttiva jeħtieġ li l-użu ta' merkanzija li tifforma parti mill-assi kummerċjali għal skopijiet privati jkun provvista ta' servizzi bi ħlas jekk il-VAT fuq il-merkanzija kienet eliġibbli għal tnaqqis. Din is-sistema tippermetti l-irkupru tal-VAT inizjalment imnaqqsa b'rabta mal-użu privat.

Fil-każ ta' karozzi tal-passiġġieri u muturi, huwa diffiċli li din is-sistema tīgħi applikata, minħabba li huwa diffiċli li tīgħi identifikata l-qasma bejn l-użu privat u dak kummerċjali. Meta jinżammu r-rekords, dawn iż-żidu piż addizzjonali kemm għan-negożju kif ukoll għall-amministrazzjoni minħabba ż-żamma u l-kontroll tagħhom.

¹ ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2006/112/oj>.

² Ir-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 715/2007 u (KE) Nru 595/2009 u li jħassar id-Direttiva 2007/46/KE (ĠU L 151, 14.6.2018, p. 1) u r-Regolament (UE) Nru 168/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2013 dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi b'żewġ jew tliet roti u kwadriċikli (ĠU L 060, 2.3.2013, p. 52).

Skont l-Artikolu 395 tad-Direttiva tal-VAT, l-Istati Membri jistgħu japplikaw miżuri ta' deroga mid-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-VAT sabiex jissimplifikaw il-proċedura tal-ġbir tal-VAT jew biex jipprevjenu ċerti forom ta' evażjoni jew ta' evitar tat-taxxa jekk ikunu ġew awtorizzati mill-Kunsill.

Is-Slovakkja talbet li titħalla tirrestrinġi d-dritt ta' tnaqqis għal ċerti karozzi tal-passiġġieri u muturi li ma jintużawx kompletament għal skopijiet kummerċjali, u għall-forniment ta' ċerta merkanzija u servizzi relatati magħha, għal perċentwal stabbilit u min-naħħa l-oħra biex in-neozju jiġi meħlus mill-kontabbiltà għat-taxxa fuq l-użu privat. Il-miżura speċjali teħles lill-persuni taxxabbli milli jkollhom jittrattaw l-użu mhux kummerċjali ta' tali karozzi tal-passiġġieri u muturi bħala provvista ta' servizzi. Din ikollha l-benefiċċju li tissimprezzika sistema għal dawk kollha kkonċernati u fl-istess ħin tipprevjieni l-evażjoni jew l-evitar tat-taxxa minħabba ż-żamma skorretta tar-rekords.

Il-vantaġġi tal-użu ta' rata fissa ġew ikkonfermati minn kwestjonarju elettroniku elaborat mill-Ministeru tal-Finanzi Slovakk. Dan il-kwestjonarju tqassam lin-negozji permezz ta' assoċjazzjonijiet tan-negozju biex tinkiseb data dwar l-użu ta' vetturi li kienu parti mill-assi kummerċjali kemm għal skopijiet privati kif ukoll dawk kummerċjali. Mill-kampjun eżaminat tar-rispondenti, 71 % minnhom ippreferew l-użu ta' perċentwal b'rata fissa għat-tnaqqis tal-VAT fuq vetturi ta' użu mħallat, filwaqt li 78 % tar-rispondenti qiesu t-trattament attwali bħala piż amministrattiv.

Flimkien mad-data miksuba mill-istħarriġ, is-Slovakkja analizzat data derivata minn attivitajiet ta' kontroll immirati biex jivverifikaw id-data dwar ix-xiri ta' vetturi bil-mutur u l-intitolament ta' tnaqqis tat-taxxa fuq ix-xiri fuq dawk il-vetturi, kif ukoll data minn żjarat fuq il-post u awditi. Mill-attivitajiet differenti mwettqa, l-awtoritajiet Slovakki waslu għall-konklużjoni li perċentwal ta' ħamsin fil-mija huwa stima preċiża tad-distribuzzjoni tal-użu tal-vetturi bejn l-użu privat u dak kummerċjali.

Il-karozzi u l-muturi koperti minn din il-miżura huma vetturi bil-mutur mill-kategorija M1, muturi mill-kategorija L1e u muturi mill-kategorija L3e li ma jintużawx kompletament għal skopijiet kummerċjali. It-tranżazzjonijiet koperti huma x-xiri, l-akkwist intra-Komunitarju u l-importazzjoni ta' dawn il-vetturi, kif ukoll il-lokazzjoni tagħhom. Il-limitazzjoni tad-dritt għal tnaqqis se tapplika wkoll għat-tranżazzjonijiet imsemmija hawn fuq meta jkunu relatati ma' spare parts, aċċessorji, servizzi u fjuwil maħsuba għal dawn il-vetturi. Madankollu, ċerti tipi ta' vetturi bil-mutur u muturi użati għal ċertu tip ta' attivitajiet fejn l-użu mhux kummerċjali jitqies negliġibbli huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tad-deroga. Din l-eskużjoni tkopri karozzi u muturi mixtrija għall-bejgħ mill-ġdid, kiri jew lokazzjoni jew użati għat-trasport ta' passiġġieri bi ħlas, inklużi servizzi tat-taksi, l-għoti ta' lezzjonijiet tas-sewqan, skopijiet ta' ttestjar jew bħala sostituzzjoni ta' vetturi li jkun qed isir xi xogħol fuqhom.

Minħabba l-impatt pożittiv mistenni mill-miżura speċjali fuq il-piż amministrattiv kemm tal-kontribwenti kif ukoll tal-awtoritajiet tat-taxxa, huwa propost li l-miżura ta' deroga tiġi awtorizzata.

L-awtorizzazzjoni jenħtieġ li tkun valida għal perjodu limitat, sat-30 ta' Ġunju 2028, sabiex tippermetti rieżami tal-ħtieġa u l-effettivitā tal-miżura ta' deroga u r-rata ta' tqassim bejn l-użu kummerċjali u dak mhux kummerċjali li hija bbażata fuqha. Jenħtieġ li ma' kull talba ta' estensjoni jinhemeż rapport li jinkludi rieżami tal-perċentwal applikat u din it-talba jenħtieġ li tintbagħha lill-Kummissjoni sat-30 ta' Settembru 2027.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet ta' politika eżistenti fil-qasam ta' politika**

Derogi simili fir-rigward tad-dritt ta' tnaqqis ingħataw lil Stati Membri oħra (l-Estonja³, l-Italja⁴, il-Latvja⁵, l-Ungerija⁶, il-Polonja⁷, ir-Rumanija⁸ u l-Kroazja⁹).

L-Artikolu 176 tad-Direttiva tal-VAT jistipula li l-Kunsill għandu jistabbilixxi n-nefqa li fir-rispett tagħha l-VAT ma għandhiex tkun tista' titnaqqas. Sa dak iż-żmien, huwa jawtorizza lill-Istati Membri biex iżommu l-esklużjonijiet li kienu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1979 jew, fil-każ tal-Istati Membri li ssieħbu mal-Komunità wara dik id-data, fid-data tal-adeżjoni tagħhom. Għalhekk hemm diversi klawżoli standstill li jirrestrinġu d-dritt għal tnaqqis tal-VAT fir-rigward ta' karozzi tal-passiġġieri.

Minkejja l-inizjattivi preċedenti biex jiġu stabbiliti regoli li skonthom il-kategoriji tan-nefqa jistgħu jkunu soġġetti għal restrizzjoni tad-dritt għal tnaqqis¹⁰, tali deroga hija xierqa fl-istennija tal-armonizzazzjoni ta' dawn ir-regoli fil-livell tal-UE.

2. BAŻI LEGALI, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi legali**

L-Artikolu 395 tad-Direttiva tal-VAT.

- **Sussidjarjetà (għal kompetenza mhux esklużiva)**

Meta titqies id-dispożizzjoni tad-Direttiva tal-VAT li fuqha hija msejsa l-proposta, il-prinċipju tas-sussidjarjetà ma jaapplikax.

³ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1998 tal-15 ta' Novembru 2021 li tawtorizza lill-Estonja tapplika miżura li tidderoga mill-Artikolu 26(1), il-punt (a), u l-Artikoli 168 u 168a tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 408, 17.11.2021, p. 3-5).

⁴ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/2411 tas-6 ta' Diċembru 2022 li temenda d-Deċiżjoni 2007/441/KE li tawtorizza lir-Repubblika Taljana sabiex tapplika miżuri ta' deroga mill-Artikoli 26(1)(a) u 168 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 317, 9.12.2022, p. 120–121).

⁵ Id-Deċiżjoni ta' Implantazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1968 tad-9 ta' Novembru 2021 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implantazzjoni (UE) 2015/2429 li tawtorizza lill-Latvja biex iddaħħal miżura speċjalisti ta' deroga mill-punt (a) tal-Artikolu 26(1) u l-Artikoli 168 u 168a tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, (ĠU L 401, 12.11.2021, p. 1-2).

⁶ Id-Deċiżjoni ta' Implantazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1774 tal-5 ta' Ottubru 2021 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implantazzjoni 2018/1493 li tawtorizza lill-Ungerija biex tintroduċi miżura speċjalisti ta' deroga mill-punt (a) tal-Artikolu 26(1) u l-Artikoli 168 u 168a tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 360, 11.10.2021, p. 108–109).

⁷ Id-Deċiżjoni ta' Implantazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/2385 tas-6 ta' Diċembru 2022 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implantazzjoni 2013/805/UE li tawtorizza lir-Repubblika tal-Polonja tintroduċi miżuri ta' deroga mill-punt (a) tal-Artikolu 26(1) u l-Artikolu 168 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 315, 7.12.2022, p. 87–88).

⁸ Id-Deċiżjoni ta' Implantazzjoni tal-Kunsill (UE) 2024/1641 tal-24 ta' Mejju 2024 li tawtorizza lir-Rumanija biex tapplika miżuri speċjalisti ta' deroga mill-Artikolu 26(1), il-punt (a), u l-Artikolu 168 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L, 2024/1641, 6.6.2024).

⁹ Id-Deċiżjoni ta' Implantazzjoni tal-Kunsill (UE) 2024/2884 tal-5 ta' Novembru 2024 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implantazzjoni (UE) 2018/1994 li tawtorizza lill-Kroazja tintroduċi miżura speċjalisti ta' deroga mill-punt (a) tal-Artikolu 26(1) u l-Artikoli 168 u 168a tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L, 2024/2884, 13.11.2024).

¹⁰ COM (2004) 728 final - Proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 77/388/KEE bl-għan li jiġi ssimplifikati l-obbligazzjonijiet tat-taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU C 24, 29.1.2005, p.10) irtirata fil-21 ta' Mejju 2014 (ĠU C 153 21. 05. 2014, p. 3)

- **Proporzjonalità**

Id-Deċiżjoni tikkonċerna awtorizzazzjoni mogħtija lil Stat Membru fuq talba tiegħu stess u ma tikkostitwixxi ebda obbligu.

Minħabba l-kamp ta' applikazzjoni limitat tad-deroga, il-miżura speċjali hija proporzjonata mal-ġħanijiet segwiti, jiġifieri s-simplifikazzjoni tal-proċedura tal-ġbir tat-taxxa u l-prevenzjoni ta' ċerti forom ta' evażjoni jew ta' evitar tat-taxxa. B'mod partikolari, minħabba l-potenzjal li n-negozji ma jiddikjarawx l-obbligazzjoni sħiħa tagħhom u minħabba li l-verifika tad-data dwar il-mili hija ta' piż fuq l-awtoritajiet tat-taxxa, ir-restrizzjoni ta' 50 % se tkun qed tissimplifika l-proċedura tal-ġbir tal-VAT u se tevita, fost l-oħrajn, l-evażjoni tat-taxxa meta r-rekords ma jinżammux kif suppost.

- **Għażla tal-istrument**

L-istrument propost: Deċiżjoni ta' Implementazzjoni tal-Kunsill.

Skont l-Artikolu 395 tad-Direttiva tal-VAT, deroga mid-dispożizzjonijiet komuni tal-VAT hija possibbli biss bl-awtorizzazzjoni tal-Kunsill li jaġixxi b'mod unanimu fuq proposta tal-Kummissjoni. Deċiżjoni ta' Implementazzjoni tal-Kunsill hija l-aktar strument xieraq peress li tista' tiġi indirizzata lil Stat Membru individwali.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Ma saret l-ebda konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati. Din il-proposta hija bbażata fuq talba li saret mis-Slovakkja u tikkonċerna biss lil dan l-Istat Membru.

- **ġbir u użu ta' għarfien espert**

Ma kien hemm bżonn l-ebda rikors għall-għarfien espert estern.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Il-proposta hija mfassla biex tissimplifika l-proċedura għall-impożizzjoni tat-taxxa billi tneħħi l-ħtieġa li l-persuni taxxabbli jżommu rekords dwar l-użu privat ta' karozzi tal-passiġġieri speċifikati u, fl-istess ħin, tipprevjeni l-evażjoni tal-VAT permezz ta' żamma skorretta tar-rekords. Għalhekk, hija għandha impatt potenzjalment pożittiv kemm għan-negozji kif ukoll għall-amministrazzjoni tat-taxxa.

L-awtoritajiet tat-taxxa Slovakki wettqu analiżi dwar id-data derivata mill-attivitàajiet ta' kontroll minn Jannar 2023 sa Mejju 2024. Minn din l-analiżi kkonkludew li l-kontribwenti applikaw ir-rata fissa prevista fl-Att Slovak dwar it-Taxxa fuq l-Introjtu għall-VAT imħallsa fuq l-akkwist ta' karozzi tal-passiġġieri u muturi u spejjeż relatati, minflok ma ddeterminaw l-użu reali tal-vetturi għal skopijiet privati u kummerċjali. Għalkemm id-dispożizzjoni kienet immirata lejn l-użu tagħha biss fir-rigward tat-taxxa fuq l-introjtu, il-kontribwenti qiesu li l-applikazzjoni ta' din ir-rata fissa setgħet tevita litigazzjoni mal-awtoritajiet tat-taxxa.

Barra minn hekk, l-awtoritajiet tat-taxxa wettqu awditi fuq 255 kontribwent mill-2019 sal-2024. L-awditi kienu ffukati biss fuq l-użu ta' vetturi bil-mutur u l-verifika twettqet fuq 277 vettura bil-mutur li minnhom 240 kienu vetturi bil-mutur tal-passiġġieri. Skont l-awtoritajiet Slovakki, dawn l-awditi wrew li f'ħafna każiġiet il-kontribwenti kienu qed jagħmlu tnaqqis skorrett fuq il-VAT tal-input relatata ma' dawk il-vetturi. L-awtoritajiet Slovakki waslu wkoll

għall-konklużjoni li l-użu għal skopijiet kummerċjali kien ffit aktar minn ġamsin fil-mija tal-użu totali.

Fl-aħħar nett, l-awtoritajiet Slovakki kisbu data addizzjonali minn kwestjonarju li tqassam lin-negozji permezz ta' assoċjazzjonijiet tan-negozju.

Mill-analiżi tad-data miksuba, l-awtoritajiet Slovakki waslu għall-konklużjoni li rata fissa ta' ġamsin fil-mija tikkostitwixxi indikatur realistiku tad-distribuzzjoni tal-użu tal-karozza għal skopijiet privati u kummerċjali.

- **Drittijiet fundamentali**

Il-proposta ma għandhiex konsegwenzi għall-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-proposta sejkollha effett negliġibbli fuq l-ammont kumplessiv tad-dħul mit-taxxa miġbur fl-istadju tal-konsum finali u mhux sejkollha effett negattiv fuq ir-riżorsi propri tal-Unjoni li jiġu mill-VAT.

5. ELEMENTI OĦRAJN

Il-proposta hija limitata biż-żmien u tinkludi klawżola ta' estinzjoni għat-30 ta' Ġunju 2028.

F'każ li s-Slovakkja tikkunsidra estensjoni tal-miżura speċjali, jenħtieġ li jiġi ppreżzentat rapport lill-Kummissjoni li jinkludi rieżami tal-limitu tal-perċentwal flimkien mat-talba għal estensjoni, sa mhux aktar tard mit-30 ta' Settembru 2027.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

Li tawtorizza lir-Repubblika Slovakka tintroduċi miżura speċjali ta' deroga mill-punt (a) tal-Artikolu 26(1) u l-Artikoli 168 u 168a tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 395(1), l-ewwel subparagrafu, tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) L-Artikoli 168 u 168a tad-Direttiva 2006/112/KE jirregolaw id-dritt li l-persuni taxxabbli jnaqqasu t-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) imposta fuq il-provvisti ta' merkanzija u servizzi użati minnhom għall-finijiet tat-tranżazzjonijiet taxxabbli tagħhom. L-Artikolu 26(1), il-punt (a), ta' dik id-Direttiva fih rekwiżit li tiġi ddikjarata l-VAT meta assi ta' negozju jintuża għal skopijiet privati ta' persuni taxxabbli jew tal-persunal tagħhom jew, b'mod aktar ġenerali, għal skopijiet għajnej dawk tan-negożju tagħhom.
- (2) Permezz ta' ittra rreġistrata mal-Kummissjoni fil-5 ta' Novembru 2024, is-Slovakja talbet awtorizzazzjoni f'konformità mal-Artikolu 395(2), l-ewwel subparagrafu, tad-Direttiva 2006/112/KE biex tintroduċi miżura speċjali li tidderoga mill-punt (a) tal-Artikolu 26(1) u l-Artikoli 168 u 168a ta' dik id-Direttiva biex tillimita għal 50 % id-dritt li titnaqqas il-VAT fuq in-nefqa fuq ċerti vetturi li ma jintużawx kompletament għal skopijiet kummerċjali, u biex ma tittrattax bħala provvisti ta' servizzi bi ħlas l-użu għal skopijiet privati ta' dawk il-vetturi inklużi fl-assi kummerċjali ta' persuna taxxabbli, fejn dik il-vettura kienet soġġetta għal tali limitazzjoni (il-“miżura speċjali”).
- (3) Il-miżura speċjali mitluba tkopri vetturi bil-mutur, li ma jintużawx kompletament għal skopijiet kummerċjali, mill-kategorija M1, muturi mill-kategorija L1e u muturi mill-kategorija L3e, kif speċifikat fir-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi² u r-Regolament (UE) Nru 168/2013 tal-Parlament

¹ ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2006/112/oj>.

² Ir-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 715/2007 u (KE) Nru 595/2009 u li jħassar id-Direttiva 2007/46/KE (ĠU L 151, 14.6.2018, p. 1).

Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2013 dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi b'żewġ jew tliet roti u kwadriċikli³. It-tranżazzjonijiet koperti huma x-xiri, l-akkwist intra-Komunitarju u l-importazzjoni ta' dawn il-vetturi, kif ukoll il-lokazzjoni tagħhom. Il-limitazzjoni tad-dritt għal tnaqqis tal-VAT tinkludi n-nefqa fuq spare parts, aċċessorji, servizzi u fuelling maħsuba għal dawn il-vetturi.

- (4) Ċerti vetturi bil-mutur jenħtieġ li jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tal-miżura speċjalisti peress li, minħabba t-tip ta' negozju li jintużaw għalihi, kwalunkwe użu mhux kummerċjali tagħhom jitqies bħala negliġibbli. Għalhekk, jenħtieġ li l-miżura speċjalisti ma tapplikax għal karozzi u muturi mixtriha għall-bejgħ mill-ġdid, għall-kiri jew għallokazzjoni jew użati għat-trasport ta' passiġġieri bi ħlas, inklużi servizzi tat-taxi, l-ghoġi ta' lezzjonijiet tas-sewqan, skopijiet ta' t-testjar jew bħala sostituzzjoni ta' vetturi li jkun qed isir xi xogħol fuqhom.
- (5) F'konformità mal-Artikolu 395(2), it-tieni subparagrafu, tad-Direttiva 2006/112/KE, il-Kummissjoni bagħtiet it-talba lill-Istati Membri l-oħra permezz ta' ittra datata d-29 ta' Novembru 2024. Permezz ta' ittra datata t-2 ta' Diċembru 2024, il-Kummissjoni nnotifikat lis-Slovakkja li kellha l-informazzjoni kollha meħtieġa biex tivvaluta t-talba.
- (6) Fit-talba s-Slovakkja inkludiet spjegazzjoni tar-raġunijiet għall-iffissar tal-perċentwal għal-limitazzjoni tad-dritt għal tnaqqis tal-VAT għal 50. Is-Slovakkja użat għal dak l-għan data miksuba minn attivitajiet ta' kontroll u awditi, flimkien ma' stħarriġ imwettaq man-negozji. Skont is-Slovakkja, ir-riżultat mill-analiżi ta' din id-data wassal biex jiġi stabilit il-perċentwal ta' 50 bħala indikatur preċiż tad-distribuzzjoni, bejn skopijiet privati u kummerċjali, tal-użu tal-vetturi li għalihom hija maħsuba l-miżura speċjalisti.
- (7) Is-Slovakkja ssostni li l-miżura speċjalisti se jkollha impatt pożittiv fuq il-piż amministrattiv għall-kontribwenti u għall-awtoritajiet tat-taxxa billi tissimplifika l-ġbir tal-VAT u tipprevjeni l-evażjoni tat-taxxa permezz ta' żamma skorretta tar-rekords. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Kummissjoni tqis li huwa xieraq li s-Slovakkja tiġi awtorizzata tapplika l-miżura speċjalisti sat-30 ta' Ġunju 2028.
- (8) Jenħtieġ li l-miżura speċjalisti tkun limitata għaż-żmien meħtieġ biex tiġi evalwata l-effettività tagħha u l-adegwatezza tar-rata perċentwali applicata.
- (9) Il-miżura speċjalisti hija proporzjonata għall-objettivi mixtieqa, jiġifieri, li tiġi ssimplifikata l-proċedura tal-ġbir tal-VAT u li jiġu evitati ġerti forom ta' evażjoni jew ta' evitar tat-taxxa, peress li hija limitata fiż-żmien u fil-kamp ta' applikazzjoni. Barra minn hekk, il-miżura speċjalisti ma tagħix lok għal riskju li l-frodi timxi lejn setturi oħra jew lejn Stati Membri oħra.
- (10) Jekk is-Slovakkja tqis li tkun meħtieġa estensjoni tal-miżura speċjalisti lil hinn mit-30 ta' Ġunju 2028, jenħtieġ li tippreżenta talba għal tali estensjoni lill-Kummissjoni sat-30 ta' Settembru 2027. Dik it-talba jenħtieġ li tkun akkumpanjata minn rapport dwar l-applikazzjoni tal-miżura speċjalisti, inklużi rieżami tal-perċentwal applikat.
- (11) Skont l-informazzjoni pprovduta mis-Slovakkja, il-miżura speċjalisti se jkollha biss effett negliġibbli fuq l-ammont globali ta' dħul mit-taxxa li s-Slovakkja tiġbor fl-istadju tal-konsum finali, u mhux se jkollha impatt negattiv fuq ir-riżorsi propriji tal-Unjoni li jakkumulaw mill-VAT,

³ Ir-Regolament (UE) Nru 168/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2013 dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi b'żewġ jew tliet roti u kwadriċikli (ĠU L 060, 2.3.2013, p. 52).

ADOTTA DIN ID-DEĊIJONI:

Artikolu 1

B'deroga mill-Artikoli 168 u 168a tad-Direttiva 2006/112/KE, ir-Repubblika Slovakka hija awtorizzata tillimita għal 50 % id-dritt li tnaqqas it-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) fuq in-nejfa fuq il-kategoriji ta' vetturi li ġejjin, li ma jintużawx kompletament għal skopijiet kummerċjali:

- (a) vetturi bil-mutur mill-kategorija M1, speċifikati fl-Artikolu 4(1)(a)(i) tar-Regolament (UE) 2018/858;
- (b) muturi mill-kategorija L1e, speċifikati fl-Artikolu 4(2)(a) tar-Regolament (UE) Nru 168/2013;
- (c) muturi mill-kategorija L3e, speċifikati fl-Artikolu 4(2)(c) tar-Regolament (UE) Nru 168/2013.

L-ewwel paragrafu ma għandux japplika għal vetturi użati jew mixtriha għal dawn li ġejjin:

- (a) bejgħ mill-ġdid, kiri jew lokazzjoni;
- (b) trasport ta' passiġġieri bi ħlas, inklużi servizzi tat-taxi;
- (c) l-għoti ta' lezzjonijiet tas-sewqan;
- (d) skopijiet ta' ttestjar;
- (e) bħala sostituzzjoni ta' vetturi li jkun qed isir xi xogħol fuqhom.

Artikolu 2

B'deroga mill-Artikolu 26(1), il-punt (a) tad-Direttiva 2006/112/KE, ir-Repubblika Slovakka ma għandhiex tittratta l-użu għal skopijiet mhux kummerċjali ta' vettura msemmija fl-Artikolu 1, l-ewwel paragrafu, inkluża fl-assi kummerċjali ta' persuna taxxabbi, bħala provvisti ta' servizzi bi ħlas, meta dik il-vettura tkun ġiet soġġetta għal limitu awtorizzat skont l-Artikolu 1 ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 3

In-nejfa msemmija fl-Artikolu 1 għandha tkopri dan kollu li ġej:

- (1) ix-xiri, il-lokazzjoni, l-akkwist intra-Komunitarju u l-importazzjoni ta' vetturi msemmija fl-Artikolu 1, l-ewwel paragrafu;
- (2) in-nejfa fuq provvisti ta' merkanzija jew servizzi mwettqa fir-rigward ta' dawk il-vetturi u l-użu tagħhom, inkluż ix-xiri ta' fjuwil.

Artikolu 4

1. Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-jum tan-notifika tagħha.

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Lulju 2025. Għandha tiskadi fit-30 ta' Ġunju 2028.

2. Kull talba għall-estensjoni tal-awtorizzazzjoni prevista f'din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppreżentata lill-Kummissjoni sat-30 ta' Settembru 2027 u tiġi akkumpanjata minn rapport li jinkludi rieżami tal-perċentwal stabbilit fl-Artikolu 1.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Slovakka.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*